# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 136/2020: **ELMO INSURANCE LIMITED (C3500) V. JASON CASSAR (KI. 73372M) U B'DIGRIET MOGĦTI FIS-7 TA' MEJJU 2021 ĠIET KJAMATA IN KAWŻA DESIREE SCERRI SIVE XERRI (KI. 261975M)**

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**27 ta' Novembru 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Elmo Insurance Limited[1] ("ir-rikorrenti" jew "il-kumpanija rikorrenti") intavolat fil-5 ta' Awwissu 2020 li permezz tiegħu talbet lil Jason Cassar ("l-intimat") sabiex jidher fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħid l-għaliex m'għandux jiġi kkundannat li:

> Thallas is-somma komplessiva ta' hames telef mija hamsa u tletin ewro tlieta u ghoxrin centezmu (€5,135.23) rappreżentanti danni, imghax, spejjes gudizzjarji u VAT li gew subiti mis-socjeta' attrici fil-vesti taghha ta' assikuratur tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABN 295.
>
> Gara li, fit-28 ta' Ottubru 2011, fi Triq Mikelang Borg, San Giljan, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABN 295, li kienet tappartjeni lill-konvenut Jason Cassar u li kienet misjuqa minn certu Abuzeid Buzeid Etarhuni, sfat involuta f'incident awtomobilistiku mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAJ 888, appartjenenti lil terzi.

[1] Fol 1

Fuq l-iskorta tal-fatti u cirkostanzi tal-incident, is-socjeta' attrici kellha fil-pussess taghha bizzejjed evidenza sabiex tavza lill-konvenut illi kien kiser l-kundizzjonijiet tal-polza u l-obbligi tieghu skont l-istess polza. L-inadempjenza kontrattwali tieghu giet konfermata fl-okkorrenza tal-pulizija li nvestigaw dan l-incident fejn jinghad illi "*driver of vehicle number ABN 295 had a rather strong smell of alcohol and so a breathalyzer test was done*". Ghaldaqstant, il-konvenut kien prekluz milli jinvoka l-imsemmija polza sabiex ikopri kull dritt jew obbligu naxxenti minn dan l-incident.

Permezz tal-ittra ufficjali taghha tat-3 ta' Frar 2012, is-socjeta' attrici *inter alia* wiissiet lill-konvenut bil-konsegwenzi kollha li kien ser igarrab minhabba tali inadempjenza fil-kaz illi l-proceduri arbitrali illi kienu gew istitwiti mit-terz jigu decizi kontra s-sewwieq Abuzeid Buzeid Etarhuni, una volta kienu sodisfatti fil-konfront tas-socjeta' attrici d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Di fatti tali disposizzjonijiet gew sodisfatti u s-socjeta' attrici hallset s-somma komplessiva ta' erba' telef tmien mija u zewg ewro u hmistax-il centezmu (€4,802.15) in linea ta' danni, imghax, spejjes gudizzjarji u VAT a tenur tad-decizjoni arbitrali moghtija fl-ismjiet "Montaldo Insurance Agency Limited noe et vs. Elmo Insurance Limited" [M3009/2012]. Di piu', konsegwenza tal-istess proceduri, is-socjeta' attrici arrekat spejjes gudizzjarji fl-ammont komplessiv ta' tlett mija tlieta u tletin ewro u tmien centezmi (€333.08) skont it-taxxa relattiva.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Frar 2012 u dawk tat-8 ta' Lulju 2015, notifikata lill-konvenut fl-4 ta' Settembru 2015, a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali b'effett mill-4 ta' Settembru 2015 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.

wara li rat ir-risposta tal-intimat ppreżentata fit-8 ta' Jannar 2021[2] li permezz tagħha laqa' għat-talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti, t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante li l-konvenut ma huwa bl-ebda mod responsabbli ghall-incident in kwistjoni u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti u dawk sussegwenti, is-socjeta rikorrenti kellha semmai l-ewwel tipprova tigbor l-ammont allegatament minnha mhallas minghand Abuzeid Buzeid Etarhuni u dan stante li skond id-decizjoni tal-Arbitragg imsemmija fl-Avviz, il-kjamat in kawza Abuzeid Buzeid Etarhuni kien gie misjub responsabbli u kien gie kkundannat ihallas b'mod in solidum mas-socjeta rikorrenti;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, ir-rikorrenti m'ghandux jigi tenut responsabbli stante li skond il-kuntratt ta'

[2] Fol 17-18

separazzjoni bejn l-intimat Jason Cassar u martu Desiree Scerri Sive Xerri, l-istess Desiree' Cassar kienet assumiet kull responsabilita' dwar hsarat u danni li talvolta huma naxxenti minn tali incident u kienet obbligat ruhha li tindennizza lill-intimat f'kaz li huwa jkun kostrett ihallas xi ammonti. Fil-fatt din il-vettura kienet giet trasferita f'isem il-mara u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kaz. Ghal dan il-ghan ser ikun qed jigi intavolat ir-rikors opportun sabiex tigi kkjamata fil-kawza Desiree Scerri Sive Xerri (KI nru. 261975M);

4. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, is-socjeta rikorrenti ghandha tipprova l-allegazzjonijiet taghha u l-ammont allegatament minnha mhallas;

5. Illi t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-konvenut, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti.

wara li semgħet ix-xhieda u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanzi tagħhom,

wara li rat il-bqija tal-atti proċesswali,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmula għan-nom:

- tal-kumpanija rikorrenti, mill-Avukat Dr. Maria Navarro,
- tal-intimat, mill-Avukat Dr. Alicia Borg,

qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Fatti fil-qosor*

1. Fit-28 ta' Ottubru 2011 seħħ inċident stradali fi Triq Mikelanġ Borġ, San Ġiljan, meta l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ABN 295, proprjeta' tal-intimat u misjuqa minn ċertu Abuzeid Buzeid Etarhuni, baqgħet dieħla fuq wara tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KAJ 888, proprjetà ta' ċertu Kajal Narwani u misjuqa minnha. Il-kumpanija tal-assigurazzjoni tal-istess Narwani ħallset lill-assigurata tagħha għad-danni li ġarrbet u t-tnejn li huma fittxew lir-rikorrenti bħala l-kumpanija tal-assigurazzjoni tal-intimat, tal-ewwel sabiex tiġbor l-ammont li kienet obbligata

tħallas bil-polza lill-assigurata tagħha, u tal-aħħar sabiex tiġbor il-*policy excess* imħallas minnha. Fil-proċeduri tal-arbitraġġ ġie kjamat in kawża ukoll l-istess sewwieq Abuzeid Buzeid Etarhuni.

2. Fit-3 ta' Frar 2012 ir-rikorrenti ppreżentat ittra uffiċjali kontra l-intimat u kontra s-sewwieq Abuzeid Buzeid Etarhuni sabiex tinfurmahom illi kellha informazzjoni biżżejjed li turi illi huma jew min minnhom kienu kisru l-kundizzjonijiet tal-polza u għalhekk kienu preklużi milli jinvokaw l-istess polza sabiex ikopru xi dritt jew obbligu tagħhom naxxenti mill-inċident in kwistjoni. Inoltre għarrfithom illi jekk it-Tribunal tal-Arbitraġġ jiddeċiedi l-kawża favur it-terz danneġġjata (u l-kumpanija assigurattriċi tagħha) hija kienet ser tkun tenuta skond l-Art. 10 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta illi tagħmel tajjeb lit-terz għall-ammont dikjarat dovut, f'liema każ hija kienet ser teżerċita d-dritt tagħha taħt l-Art. 12 tal-Kap. 104 sabiex titlob risarċiment mill-intimat u/jew mis-sewwieq għall-ammonti li tkun ħallset inkluż imgħaxijiet, spejjeż u VAT.[3]

3. Permezz tal-lodo arbitrali li ngħata fl-10 ta' Novembru 2014[4] ġie deċiż illi l-inċident in kwistjoni seħħ b'tort imputabbli unikament lis-sewwieq Abuzeid Buzeid Etarhuni li ġie kkundannat *in solidum* mal-kumpanija rikorrenti sabiex iħallas lill-kumpanija assigurattriċi u lill-assigurata tagħha s-somma ta' tlett elef mija u sebgħin euro (€ 3,170) flimkien mal-ispejjeż (€ 887.38[5]) u l-imgħax legali b'effett mil-1 ta' Frar 2012.

4. Fil-*lodo* ġie ddikjarat ukoll mill-Arbitru illi s-sewwieq Abuzeid Buzeid Etarhuni kien taħt l-influwenza tax-xorb fil-ħin tal-inċident u għalhekk l-arbitru ħass illi kellu għal kull bwon fini jippreċiża illi kienu qed *"jibqgħu impreġudikati d-drittijiet tas-soċjeta intimata Elmo Insurance Limited fil-konfront tal-assigurat tagħha ... in konnessjoni mal-istat ta' intossikazzjoni tal-istess Etarhuni".*

5. Il-*lodo* ma ġiex appellat[6] u r-rikorrenti ħallset dak dovut minnha skond il-liġi lit-terz danneġġjata u l-kumpanija tal-assigurazzjoni tagħha u ċioe is-somma ta' € 4,802.15 konsistenti fid-danni likwidati mill-Arbitru, imgħaxijiet, spejjeż u VAT filwaqt li nkorriet spejjeż ġudizzjarji fl-ammont ta' € 333.08 biex b'hekk soffriet danni fl-

---

[3] Fol 105
[4] Fol 91-100
[5] Fol 79
[6] Ara x-xhieda ta' **Dr. Fiona Galea Farrugia** a fol 78A u x-xhieda ta' **Etienne Scicluna** a fol 111A-111C

ammont totali ta' **<u>€ 5,135.23</u>**[7]. Sussegwentement fit-8 ta' Lulju 2015 ir-rikorrenti ppreżentat ittra uffiċjali kontra l-intimat u kontra s-sewwieq għar-risarċiment tad-danni fl-ammont ta' € 5,135.23. Skond ir-rikors promotur din l-ittra uffiċjali inħarġet taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ġiet notifikata lill-intimat fl-4 ta' Settembru 2015. L-intimat baqa' inadempjenti u għalhekk ir-rikorrenti kellha tipproċedi kontrih sabiex titlob rifużjoni tal-ammont li kellha tħallas skond il-liġi.

6. Ir-rikorrenti fetħet din il-kawża kontra l-intimat għaliex skond hi kien hemm ksur tat-termini u kundizzjonijiet tal-polza tal-assikurazzjoni in kwistjoni stante illi fid-data tal-inċident is-sewwieq kien fi stat ta' intossikazzjoni. L-intimat qed jiċħad il-pretensjonijiet tar-rikorrenti għaliex skond hu (i) ma kienx responsabbli għall-inċident in kwistjoni, (ii) ir-rikorrenti kellha l-ewwel tipprova tiġbor dak dovut lilha mis-sewwieq u mhux minnu, (iii) il-persuna responsabbli semmai kienet martu Desiree Scerri sive Xerri peress illi din assumiet tali responsabilta' f'kuntratt ta' separazzjoni, għal liema raġuni l-intimat kien ser jitlob il-kjamat in kawża tal-istess martu.

7. Permezz tad-digriet mogħti nhar is-17 ta' Mejju 2021 ġie ordnat illi Desiree Scerri sive Xerri (KI. 261975M) tiġi kjamata in kawża. Din però la qatt dehret u lanqas ma ppreżentat risposta għar-rikors promotur. Inoltre wara li fit-28 ta' Ġunju 2021 ġie ppreżentat kapitolu għas-subizzjoni tagħha min-naħa tal-kumpanija rikorrenti, dan ġie ammess meta fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2021 naqset milli tidher sabiex twieġeb għalih.[8]

*Kunsiderazzjonijiet legali*

8. Il-polza tal-assigurazzjoni li kienet tkopri l-użu tal-vettura mill-intimat jew minn persuni awtorizzati li jsuquha *inter alia* tinkludi bħala eċċezzjoni għall-kopertura is-segwenti ċirkustanza:

> **'Unless otherwise stated, the Policy will not insure: any loss or damage to the vehicle, or liability arising from use of the vehicle, if at the time of the accident the drive was under the influence of alcohol or drugs'**[9]

---

[7] Fol 100b
[8] Fol 63
[9] Fol 102

9. Il-*lodo* arbitrali fuq imsemmi ddeċieda b'mod definittiv rigward it-tort tal-inċident awtomobilistiku in kwistjoni u għalhekk m'huwiex kuntestat li dan seħħ unikament b'tort tan-nuqqas tat-tħaris tar-regolamenti tat-traffiku min-naħa tas-sewwieq. L-intimat min-naħa tiegħu saħaq fix-xhieda tiegħu illi huwa kien ħalla l-vettura lill-mara peress illi din kien ikollha bżonn tużaha minħabba t-tfal. Madanakollu huwa ma jafx lis-sewwieq Abuzeid Buzeid Etarhuni u żgur li qatt ma kien tah il-permess li jsuqha.[10]

10. F'dan ir-rigward tajjeb jsir aċċenn għad-diversi relazzjonijiet ġuridiċi li jinħolqu jew li jistgħu jinħolqu bejn il-partijiet b'riżultat ta' inċident awtomobilistiku, ossia:

    1. dik ibbażata fuq ħtija **akwiljana/delittwali** bejn it-terz danneġġjat (li naturalment tista' tkun ukoll kumpanija tal-assigurazzjoni li tkun ġiet surrogata fid-drittijiet tat-terz bħal ma hu f'dan il-każ) u l-persuna responsabbli għad-danni. F'dan il-każ din ir-relazzjoni ġuridika ħarġet fil-beraħ fil-proċeduri tal-arbitraġġ kemm fejn it-terz aġixxiet kontra s-sewwieq (malli dan ġie kjamat fil-kawża) għad-danni li sofriet (il-*policy excess)* minħabba t-traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu u kif ukoll fejn il-kumpanija assigurattriċi li ġiet surrogata fid-drittijiet tagħha aġixxiet kontra l-istess sewwieq.

    2. dik ***ex-lege***, ibbażata:

        i. fuq il-jedd dirett għal azzjoni (*direct right of action*) taħt l-Art. 9A tal-Kap. 104 illi kemm it-terz danneġġjata u kif ukoll il-kumpanija tal-assigurazzjoni li koprietha kellhom fil-konfront tal-kumpanija rikorrenti bħala l-kumpanija assigurattriċi li kellha polza viġenti li tkopri l-vettura in kwistjoni. Il-proċeduri quddiem it-Tribunal tal-Arbitraġġ inbdew oriġinalment mit-terz danneġġjata u l-kumpanija tas-assigurazzjoni tagħha direttament kontra l-kumpanija rikorrenti abbażi ta' dan l-artikolu tal-liġi.

        ii. jew fuq l-obbligu tal-kumpanija rikorrenti illi ai termini tal-Art. 10(1) tal-Kap. 104 tħallas lit-terz danneġġjata (u lill-kumpanija tal-assigurazzjoni tagħha) meta tingħata sentenza fil-konfront tal-

[10] Ara fol 103 u 121A-C

assigurat tagħha u dan irrispettivament minn jekk tkunx intitolata li tannulla jew tħassar il-polza minħabba xi ksur kuntrattwali min-naħa tal-istess assigurat tagħha. Dan l-artikolu tal-liġi jipprovdi kif ġej:

**10.(1) Jekk, wara li jkun inħareġ ċertifikat ta' assigurazzjoni taħt l-artikolu 4(4) tal-artikolu 4 lill-persuna li tkun ħadet il-polza, tiġi mogħtija sentenza <u>kontra persuna assigurata bil-polza,</u> dwar responsabbiltà li għandha tkun koperta minn polza taħt l-artikolu 4(1) (meta hija responsabbiltà koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f'dan il-każ, <u>għad illi l-assiguratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew iħassar</u>, jew ikun annulla jew ħassar il-polza, huwa għandu, bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu iħallas lill-persuni li favur tagħhom tkun ingħatat is-sentenza, kull somma ta'flus li għandha titħallas bis-saħħa ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbiltà fuq imsemmija, kompriż l-ammont li jmiss jitħallas għal spejjeż u għal imgħaxijiet fuq dik is-somma u dik is-sentenza wara jumejn li tiġi notifikata lill-assiguratur b'att ġudizzjarju għandha tikkostitwixxi titolu esekuttiv kontra dak l-assiguratur għall-finijiet kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u tista' tiġi enforzata kontra tiegħu**.'

F'każ illi ma tiġix eżerċitata l-azzjoni diretta kontra l-kumpanija tal-assigurazzjoni abbażi tal-Art. 9A fuq imsemmi, din xorta waħda tkun tenuta tagħmel tajjeb għad-danni illi l-assigurat tagħha ikun ġie kkundannat iħallas permezz ta' deċiżjoni tal-Qorti/Tribunal.

3. dik ibbażata fuq id-dritt ta' **<u>rivalsa</u>** li kumpanija tal-assigurazzjoni jista' jkollha vis-a-vis l-assigurat tagħha (kemm jekk *policyholder* u kemm jekk le) f'każ li jirriżulta li kien hemm **<u>ksur tal-obbligi kuntrattwali</u>** tal-polza. F'dan il-każ jiġi meqjus illi l-assigurat ma kienx kopert mill-polza u b'hekk il-kumpanija tal-assigurazzjoni ikollha d-dritt għar-rimbors tal-ħlasijiet magħmulha minnha lit-terz. Dan id-dritt joħroġ ukoll mid-disposizzjonijiet tal-liġi ossia taħt l-Art. 12(1) tal-Kap. 104. Fil-każ *de quo* il-kumpanija rikorrenti aġixxiet kontra l-intimat bħala l-*policyholder* abbażi ta' dan id-dritt ta' rivalsa.

*Kunsiderazzjonijiet*

11. L-ewwel eċċezzjoni tal-intimat ossia dik illi huwa ma jaħtiex għall-inċident awtomobilistiku in kwistjoni hija għalhekk destinata li tfalli minħabba li l-kawża

odjerna ma nfetħietx mir-rikorrenti minħabba l-*colpa aquiliana / delittwali* tiegħu iżda abbażi tad-dritt ta' risarċiment illi għandha fil-konfront tiegħu.

12. It-tieni eċċezzjoni tal-intimat hija dik illi skond hu r-rikorrenti kellha qabel xejn tipprova tiġbor dak dovut lilha mis-sewwieq u mhux direttament mingħandu.

13. F'dan ir-rigward l-Art. 12(1) appena msemmi jipprovdi kif ġej:

> **'12. (1) Meta ċertifikat ta' assigurazzjoni jiġi maħruġ taħt l-artikolu 4(4) lill-persuna li tkun ħadet il-polza, dak li fil-polza jkun qiegħed biex jirrestrinġi l-assigurazzjoni tal-persuna assigurata minn dik il-polza b'riferenza għal dawn il-ħwejjeġ li ġejjin:**
>
> **(a) <u>il-kondizzjoni tal-persuna li ssuq il-vettura</u>; jew**
> **(b) il-kondizzjoni tal-vettura; jew**
> **(ċ) in-numru tal-persuni li l-vettura tgħabbi; jew**
> **(d) il-piż jew il-karatteristiċi fiżiċi tal-merkanzija li l-vettura tgħabbi; jew**
> **(e) il-ħinijiet li fihom jew l-area li fiha l-vettura hija wżata; jew**
> **(f) il-forza (tal-makna) u l-valur tal-vettura; jew**
> **(g) li l-vettura jkollha apparati partikolari; jew**
> **(h) li l-vettura jkollha mezzi speċjali ta' identifikazzjoni barra mill-mezzi ta' identifikazzjoni li huma meħtieġa mill-liġijiet jew taħt il-liġijiet li jkunu jseħħu; jew**
> **(i) il-kulur tal-vettura; jew**
> **(j) l-età ta' min ikun qed isuq il-vettura,**
>
> **m'għandu ebda effett dwar dawk ir-responsabbiltajiet li għandhom ikunu koperti mill-polza taħt l-artikolu 4(1):**
>
> **Iżda xejn f'dan is-subartikolu ma jobbliga assiguratur awtorizzat li jħallas somma minħabba r-responsabbiltà ta' persuna għal ħaġ'oħra ħlief biex tiġi sodisfatta, f'kollox jew f'parti, dik ir-responsabbiltà, <u>u kull somma mħallsa mill-assiguratur awtorizzat biex tiġi sodisfatta, f 'kollox jew f 'parti, ir-responsabbiltà ta' persuna koperta bil-polza, bis-saħħa biss ta' dan is-subartikolu, tista' minnu tittieħed lura mingħand dik il-persuna</u>.'**

14. Kif ġa ntwera iktar 'l fuq il-polza tal-assigurazzjoni in kwistjoni kienet teskludi mill-kopertura danni sofferti meta s-sewwieq ikun taħt l-influwenza tax-xorb. L-istess

polza kienet tkopri bħala *authorised drivers,* kemm lill-*policyholder* u kif ukoll lil dawk il-persuni ta' 25 sena 'l fuq[11].

15. Mid-diċitura tal-Art. 12(1) huwa ċar illi d-dritt ta' rivalsa lill-assiguratur ma jingħatax lilu biss fil-konfront tal-*policyholder* (meta tali dritt jemanixxi ukoll *ex contractu*) iżda jispetta lilu ukoll fil-konfront ta' kwalsiasi persuna li jkun kopert bil-polza, li jkun ġie ddikjarat responsabbli għad-danni lit-terz u li għalih l-assiguratur ikun ħallas lit-terz danneġġjat bis-saħħa biss ta' dan is-subartikolu. Il-kliem "*bis-saħħa biss ta' dan is-subartikolu*" jalludu għall-fatt illi li kieku mhux għal dan is-subartikolu tal-liġi l-assiguratur ma kienx ikun tenut ikopri r-responsabbiltà ċivili tal-persuna koperta vis-a-vis it-terz proprju għaliex bl-aġir tiegħu tali persuna ikun tilef il-kopertura tiegħu abbażi ta' waħda jew iżjed mir-restrizzjonijiet elenkati taħt Art 12(1)(a) sa (j). F'tali każ *non si tratta* ta' ksur min-naħa tal-*policyholder* ta' xi obbligu kuntrattwali tiegħu iżda ta' sitwazzjoni fejn f'kuntest ta' kuntratt li jinkludi *inter alia* obbligazzjonijiet (tal-assiguratur) unilaterali għall-benefiċċju ta' persuni oħra bħas-sewwieq, dan il-persuna ikun aġixxa b'mod illi tkun avverat ruħha kundizzjoni tal-polza b'dan illi l-assiguratur ikollu d-dritt jinħall mill-obbligu unilaterali tiegħu lejn min altrimenti kien ikun tenut ikoprih.

16. Issa minkejja li kienet intitolata tagħmel hekk ir-rikorrenti ma aġixxietx kontra s-sewwieq biex tiġbor flusha iżda aġixxiet kontra l-intimat bħala l-*policyholder.* Ir-rikorrenti kellha l-liberta' tagħżel kontra min tiftaħ l-azzjoni tagħha u għalhekk m'għandux raġun l-intimat illi jippretendi illi r-rikorrenti kellha ta' bilfors taġixxi kontra s-sewwieq qabel ma taġixxi kontrih.

17. Fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni, ossia' dik illi skond l-intimat, il-persuna responsabbli kienet martu Desiree Scerri sive Xerri peress illi din assumiet tali responsabilta' f'kuntratt ta' separazzjoni, diġà ingħad illi permezz tad-digriet mogħti nhar is-17 ta' Mejju 2021 ġie ordnat illi Desiree Scerri sive Xerri (KI. 261975M) tiġi kjamata in kawża. Ġie esebit ukoll mill-intimat il-kuntratt ta' separazzjoni in kwistjoni[12] illi fil-klawsola 52 tiegħu jipprovdi kif ġej:

---

[11] Fol 142-143
[12] Fol 129-137

**'52. Il-Partijiet jiftiehmu illi fir-rigward tal-vettura tat-tip Toyota Fun Cargo, kien hemm inċident awtomohilistiku fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħdax (2011) bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ABN295 u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KAJ888, dwar liema hemm anke proċeduri ta' arbitraġġ fil-konfront tar-Ragel. Il-Mara filwaqt li tikkonferma li fil-ħin tal-inċident il-vettura Toyota Fun Cargo bin-numru ta' reġistrazzjoni ABN295 kienet misjuqa minn terza persuna bil-kunsens tagħha, filwaqt li tassumi kull responsabbiltà dwar ħsarat u danni li talvolta huma naxxenti mmn dan l-inċident, ukoll tobbliga ruħha li tindennizza lir-Raġel f każ li huwa jkun kostrett li jħallas xi ammonti in konnessjoni ma dan l-inċident'**

18. Fid-digriet li permezz tiegħu l-Qorti kkjamat fil-kawża lil mart l-intimat, intqal fost affarijiet oħra s-segwenti:

*"Il-Qorti tara li f'din il-kawża l-ġudizzju kif inhu huwa integru għaliex il-causa petendi hija bbażata fuq ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-kontendenti u kwindi m'huwiex neċessarju illi tiġi msejjħa persuna li m'għandha l-ebda relazzjoni kuntrattwali mar-rikorrenti. Madanakollu l-Qorti tagħraf l-utilita' illi din il-persuna tissejjaħ fil-ġudizzju proprju għaliex din għandha interess qawwi fl-azzjoni billi f'każ illi l-intimat jiġi kkundannat jħallas id-danni mill-Qorti, dan sejjer ċertament idur fuqha abbażi tal-ftehim ta' bejniethom. Fuq kollox, Desiree' Scerri sive Xerri ma' tkunx tista' fil-futur tilmenta illi l-intimat ma' ddifendiex ruħu kif suppost f'din il-kawża komdu fil-ħsieb li għada pitgħada sejjer jdur fuqha għar-risarċiment tad-danni li jkun sofra.*

*Mill-banda l-oħra l-Qorti tagħmilha ċara, kif diġà ġie ritenut drabi oħra mill-Qrati tagħna, illi bis-sejħa fil-kawża ta' Scerri fil-kawża bl-ebda mod ma' jfisser dan illi l-intimat ħeles mill-obbligi kuntrattwali tiegħu vis-a-vis ir-rikorrenti. Altrimenti dan jista' jsarraf fi preġudizzju kbir għar-rikorrenti illi tkun sfurzata tenforza t-titolu eżekuttiv tagħha fil-konfront ta' persuna illi possibbilment ma' jkolliex il-mezzi li tħallas dak li huwa dovut minnha, b'kuntrast mal-intimat. Għalhekk huwa ċar illi f'każ, **u f'każ biss** illi l-Qorti eventwalment tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, dan ikun biss fil-konfront tal-intimat li però jiġi ddikjarat mill-Qorti illi jkollu dritt ta' rivalsa fil-konfront tal-kjamata in kawża"*

19. Huwa ċar illi dak li ftehmu bejniethom l-intimat u martu fil-kuntratt ta' separazzjoni tagħhom ma jorbotx lit-terz u dan abbażi tal-prinċipju *res inter alios acta, aliis nec nocet nec prodest* kif kodifikat fl-Art. 1001 tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk il-Qorti ma tista' qatt tikkundanna lill-kjamata in kawża għar-risarċiment tad-danni sofferti mill-

kumpanija rikorrenti ġaladarba din la kienet il-*policyholder* u lanqas ma kienet waħda mill-persuni assigurati taħt il-polza (darba ma kienetx is-sewwieq). Altrimenti l-azzjoni tar-rikorrenti bħala waħda ta' risarċiment minħabba inadempjenza kuntrattwali u/jew taħt l-Art. 12(1) tal-Kap. 104 tinbidel f'waħda ta' *colpa aquiliana.*

20. Dan qed jingħad minkejja li kif ġa ngħad il-kjamata in kawża ammettiet it-talbiet fil-konfront tagħha bin-nuqqas tagħha illi tirrispondi għall-kapitolu tas-subizzjoni ppreżentat kontriha mir-rikorrenti fil-kors tal-proċeduri. F'dan ir-rigward kif ingħad mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza **Noel Sultana v. Tony Xerri** (App. Nru. 7/2009/1 PS – 07.07.2010):

> "*... huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu... ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din l-istess prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process*".

21. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet ukoll fis-sentenza **James Trapani v. Vincent Cilia** (28.04.2000) illi:

> *'ghalkemm il-kapitoli jitqiesu konfessati pero dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga prodotta quddiem il-Qorti'.*

*Kunsiderazzjoni dwar l-ammont dovut*

22. Ir-regola li fi proċeduri ta' natura ċivili, parti għanda ġġib l-aħjar provi li tista' ġġib, hija regola li ntirtet mill-liġi komuni Ingliża fejn sabet il-bidu tagħha lejn nofs is-seklu tmintax. Fis-sentenza fl-ismijiet **Omychund v. Barker**[13] Lord Harwicke stqarr illi:

> "*the judges and sages of the law have laid it down that there is but one general rule of evidence, the best that the nature of the case will permit*".

---

[13] Omychund v Barker (1745) 1 Atk, 21, 49; 26 ER 15, 33

B'hekk per eżempju provi meqjusa *sekondarji* bħal kopji ta' skrittura ma' kienux jitqiesu ammissibbli ġaladarba l-parti kellha l-obbligu li tipproduċi d-dokument oriġinali. Ir-razzjonal wara din ir-regola jista' tinftiehem l-iżjed fil-kuntest taż-żmien meta daħlet fis-seħħ. Fis-seklu tmintax fl-Ingilterra kopja ta' dokument kienet ħafna drabi tinkiteb bl-idejn minn skrivan jew anke mill-litiganti nfushom u għalhekk kien faċli li jsiru żbalji jew saħansitra jiġi perpetrat qerq f'tali kopji. Fiż-żminijiet tal-lum però u bil-progress kbir li sar fl-industrija diġitali, dan ir-razzjonal ftit li xejn għadu jagħmel sens. Fl-Ingilterra u Wales filfatt din ir-regola ġiet ristretta għal każijiet fejn litigant jagħżel b'kapriċċ illi jesebixxi kopji ta' dokumenti pertitenti għall-każ tiegħu minflok ma' jesebixxi l-oriġinali. It-tendenza hija ukoll illi anke fil-każijiet fejn parti tressaq prova sekondarja mingħajr ġustifikazzjoni, il-Qorti tqis tali prova b'mod sfavorevoli fir-rigward tal-piż probatorju tagħha u mhux tiddikjara inammissibbli.

23. Fis-sentenza mogħtija fl-1969 mill-Qorti tal-Appell Ingliża fl-ismijiet **Garton v. Hunter[14],** Lord Denning qal:

> "*nowadays we do not confine ourselves to the best evidence. We admit all relevant evidence. The goodness or badness of it goes only to weight and not to admissibility*".

Ftit iżjed minn tletin sena wara fl-istess Qorti, fis-sentenza fl-ismijiet **Masquerade Music Ltd & Ors v Springsteen[15],** Lord Jonathan Parker iddikjara li:

> "*In my judgment, the time has now come when it can be said with confidence that the best evidence rule, long on its deathbed, has finally expired. In every case where a party seeks to adduce secondary evidence of the contents of a document, it is a matter for the court to decide, in the light of all the circumstances of the case, what (if any) weight to attach to that evidence. Where the party seeking to adduce the secondary evidence could readily produce the document, it may be expected that (absent some special circumstances) the court will decline to admit the secondary evidence on the ground that it is worthless. At the other extreme, where the party seeking to adduce the secondary evidence genuinely cannot produce the document, it may be expected that (absent some special circumstances) the court will admit the secondary evidence and attach such weight to it as it considers appropriate in all the circumstances. In cases falling between those two extremes, it is for the court to make a judgment as to whether in all the circumstances any weight should be*

[14] Garton v. Hunter [1969] 1 All ER 451, [1969] 2 QB 37
[15] Masquerade Music Ltd & Ors v Springsteen [2001] EWCA Civ 513 (10 April 2001)

> *attached to the secondary evidence. Thus, the "admissibility" of secondary evidence of the contents of documents is, in my judgment, entirely dependent upon whether or not any weight is to be attached to that evidence. And whether or not any weight is to be attached to such secondary evidence is a matter for the court to decide, taking into account all the circumstances of the particular case*".

24. Fil-każ tal-liġi Maltija, l-artikolu tal-liġi li jipprovdi għal din ir-regola huwa suċċint:

> « **559**. Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib*.* »

25. Anke mad-daqqa t'għajn għalhekk huwa ċar illi l-obbligu li għandu parti f'kawża mhuwiex illi jġib l-aqwa prova iżda li jġib l-aqwa prova **li jista' jġib.** Fejn huwa impossibbli jew diffiċli għal dik il-parti li ġġib l-aqwa prova, il-Qorti tiżbalja jekk tqis inammissibbli l-provi sekondarji li jistgħu jinġiebu – li wara kollox ikunu l-aqwa prova li dik il-parti setgħet b'mod raġjonevoli tressaq.

26. Fil-ġurisprudenza lokali għalkemm il-Qrati qatt ma' ddejjqu japplikaw din ir-regola b'mod rigoruż, jidher li daħlet tendenza illi r-regola tiġi rilassata meta l-provi miġjuba ma' jkunux ġew kontestati mill-parti l-oħra, anke meta dokumenti li jinġiebu biex isaħħu tali provi ma' jkunux ġew ġuramentati.

27. Fis-sentenza fl-ismijiet **Martina Farrugia et. v. Carmel Farrugia** (Rik. 27/14/1, 26/05/2017), il-kawża kienet titratta prinċipalment talba għall-manteniment mir-rikorrenti fil-konfront ta' missierhom minkejja li kienu laħqu l-eta ta' tmintax-il sena u dan peress li kienu għadhom qed jistudjaw fuq bażi *full-time*. L-ulied xehdu permezz ta' *affidavit* illi huma kienu jattendu l-Universita' fuq bażi *full-time* u li kienu qegħdin jistudjaw għal lawriji fil-B.A. (Tourism Studies), fil-każ tat-tifla, u fil-B.Sc (Earth Systems) fil-kawż tat-tifel. Esebew ukoll *emails* mibgħuta mir-Reġistratur tal-Università ta' Malta li jattestaw għall-fatt li huma kienu għadhom qed jistudjaw l-Università. L-intimat ma xehedx u lanqas ressaq provi. L-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti u ffissat somma bħala manteniment li kellu jħallas l-intimat lill-uliedu. L-intimat appella mid-deċiżjoni *inter alia* bl-aggravju "*illi l-Ewwel Qorti injorat kompletament in-norma legali li għandha tinġieb l-aħjar prova, in kwantu kellu jirriżultalha li l-atturi naqsu milli jressqu l-aħjar prova illi huma kienu verament qeghdin jattendu kors universitarju full time."* Skond l-intimat, *"l-atturi setgħu ressqu rappreżentant tal-Università ta' Malta sabiex jikkonferma li l-aħwa Farrugia kienu għadhom isegwu kors universitarju qabel ma għalqu t-tlieta u għoxrin*

*sena... Kienu l-atturi li kellhom l-oneru tal-prova tal-fatt sostnut minnhom, u huma ma tellgħu ebda prova oħra sabiex jikkoroboraw id-dokumenti preżentati minnhom."* Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) ċaħdet dan l-aggravju u qalet hekk:

> "*Il-Qorti tirrileva illi ghalkemm ebda wiehed mid-dokumenti ma huwa guramentat, jibqa' l-fatt li hemm ix-xhieda mhux kontradetta tal-atturi ahwa Farrugia illi fiha bil-gurament taghhom jikkonfermaw illi huma baqghu studenti full time wara li ghalqu t-18-il sena u indikaw adirittura l-ammont li jippercepixxu fi stipendju ta' kull xahar. Id-dokumenti minnhom ipprezentati jikkonfortaw din ix-xhieda, u ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti kellha provi sufficjenti sabiex fuq bazi ta' probabbilita` u verosimiljanza tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha u din il-Qorti ma tikkonsidrax li jezistu c-cirkostanzi stabbiliti fil-gurisprudenza sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill- ewwel Qorti fir-rigward...Il-konkluzjoni premessa ssib ukoll konfort fil-fatt li mill-atti jirrizulta li, minkejja diversi differimenti moghtija lill-konvenut mill-ewwel Qorti sabiex dan iressaq il-provi tieghu jew jikkontroezamina x-xhieda tal-atturi dan baqa' passiv u ma ressaq ebda prova diretta biex tikkontrasta l-provi tal-atturi, u dan minkejja li fl-udjenza tas-16 ta' April 2015 l-kawza kienet giet differita 'ghall-ahhar darba ghall-provi tal-konvenut u jekk jibqa' ma isir xejn il-Qorti ser tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi li ghandha.' Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud*"

28. F'sentenza mogħtija mill-istess Qorti fl-ismijiet: <u>**Simone Eve Collette Sammut et. v. Adam Sammut et.**</u> (Rik. 1047/2014/1, 17/03/2021) l-appellanti ressqu l-aggravju illi bosta dokumenti li kienu ġew ppreżentati mir-rikorrenti quddiem l-Ewwel Qorti ma' kienux ġew debitament ikkonfermati bil-ġurament u għalhekk ma kellhomx jingħataw wisq importanza, kif ukoll li t-testment ippreżentat mar-rikors promotur ma setax jitqies bħala l-aħjar prova għaliex ma' tressqux provi li jaċċertaw li dan kien l-aħħar testment ta' omm il-kontendenti fil-kawża. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) stqarret is-segwenti:

> "*l-principju ewlieni li jirregola l-piz probatorju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, jigifieri onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa obbligu ta' min iressaq kawza quddiem il-Qorti sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha relevanti ghall-kaz tieghu. Inoltre l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li ghandha tingieb quddiem il-Qorti l-ahjar prova, obbligu tal-partijiet fil-kawza. Huwa minnu, li fl-istess dispozizzjoni jinghad li, il-Qorti ghandha dritt tesigi li titressaq l-ahjar prova, izda l-fatt li l-ewwel Qorti accettat il-produzzjoni ta' numru ta' dokumenti li m'humiex guramentati, ma jfissirx li l-ewwel Qorti kellha xi obbligu li tikkonduci l-provi tal-partijiet hija stess (ara sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' April, 2009, fil-kawza fl-ismijiet Nicola Ciantar & Sons Limited v. General Provisions Company Limited.) Madankollu jigi osservat ukoll li l-konvenut appellant qatt ma kkontesta l-validita` tad-dokumenti jew l-awtenticita` tal-istess*

> *dokumenti mressqa mill-atturi appellati, hlief fl-istadju tal-appell.... Kwindi ghalkemm din il-Qorti tqis li huwa minnu li kien ikun ahjar li l-atturi appellati jikkonfermaw bil-gurament id-dokumenti kollha esebiti minnhom, u li jressqu ricerki testamentarji li jixhdu li t-testment in atti kien l-ahhar wiehed ta' ommhom, din il-Qorti ma tistax twarrab l-istess dokumenti mressqa minnhom, minkejja n-nuqqas li dawn jiġu debitament guramentati, u li jitressqu r-ricerki testamentarji, daqslikieku ma tressqu provi ta' xejn.*"

29. Issa fil-każ odjern għalkemm ċertament il-kumpanija rikorrenti kellha fil-pussess tagħha dokumentazzjoni (bħal riċevuta, kopja ta ċekk jew *bank transfer*) li turi l-ħlas li għamlet lit-terz, dawn id-dokumenti għal xi raġuni inspjegabbli baqgħu ma ġewx ippreżentati fil-kawża. Il-prova tal-ħlas saret biss permezz tad-dikjarazzjoni li għamel ir-rappreżentant tar-rikorrenti **George Stagno Navarra** fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2022 meta xehed illi l-kumpanija rikorrenti ħallset is-somma ta' € 4,802.15 konsistenti fid-danni likwidati mill-Arbitru, imgħaxijiet, spejjeż u VAT filwaqt li nkorriet spejjeż ġudizzjarji fl-ammont ta' € 333.08 biex b'hekk soffriet danni fl-ammont totali ta' **€ 5,135.23**[16].

30. La l-fatt li sar il-ħlas u lanqas il-*quantum* ma ġew ikkontestati mill-intimat fil-kors tal-kawża li kellhu kull ċans iressaq il-provi tiegħu jew jikkontroeżamina lix-xhud imsemmi. Filfatt għall-finijiet ta' preċiżjoni dan ix-xhud sarlu l-kontroeżami min-naħa tal-intimat iżda matul dan il-kontroeżami ma saritlu l-ebda domanda fir-rigward tal-ħlasijiet li saru lit-terz[17].

31. Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti ma tarax għalfejn għandha tiddubita lir-rikorrenti meta qalet illi ħallset l-ammont imsemmi lit-terz u fuq bilanċ ta' probabiltajiet il-Qorti hija sodisfatta li dan l-ammont effettivament tħallas. Madanakollu l-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi r-rikorrenti setgħet kienet ferm iżjed galbuża fit-tressiq tal-provi tagħha billi setgħet faċilment tippreżenta d-dokumenti relattivi minflok ma tistrieħ biss fuq it-testimonjanza tar-rappreżentanti tagħha.

32. Dan jingħad ukoll fir-rigward tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Lulju 2015 li skond ir-rikors promotur ġiet ippreżentata kontra l-intimat a tenur tal-Art. 166A tal-Kap. 12 u li ġiet notifikata lilu fl-4 ta' Settembru 2015. Kopja ta' din l-ittra ma ġietx ippreżentata iżda l-istess **George Stagno Navarra** xehed illi filfatt din kienet intbagħtet lill-intimat u li

---

[16] Fol 100b
[17] Fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2023

kien rċeviha fid-data msemmija. Dan il-fatt ma ġiex ikkuntestat mill-intimat u għalhekk minkejja li għal darb' oħra r-rikorrenti setgħet faċilment tevita din is-sitwazzjoni infeliċi (jekk xejn biex ma tikkompromettix il-posizzjoni tagħha bla bżonn) il-Qorti m'għandiex għaliex tiddubita, fuq bilanċ ta' probabiltajiet, il-fatt illi ġiet ippreżentata l-ittra uffiċjali msemmija u li ġiet notifikata lill-intimat.

**Deċiżjoni**

33. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat tiddisponi mit-talbiet tal-kumpanija rikorrenti billi:**

1. **tiddikjara illi bl-aġir tas-sewwieq fl-inċident awtomobilistiku tat-28 ta' Ottubru 2011 u ċioe peress illi kien qiegħed isuq taħt l-influwenza tal-alkohol, avverat ruħha kundizzjoni fil-polza tal-assigurazzjoni in kwistjoni li abbażi tagħha l-intimat tilef il-benefiċċju ta' kopertura taħt dik il-polza u sar prekluż milli jinvoka l-istess polza sabiex ikopri kull dritt jew obbligu naxxenti minn dan l-inċident,**

2. **tiddikjara illi għalhekk l-intimat huwa responsabbli kemm kuntrattwalment u kif ukoll ai termini tal-Art. 12(1) tal-Kap. 104 li jirrifondi lura lir-rikorrenti s-somma li hija ħallset lit-terz danneġġjat wara l-*lodo arbitrali* tas-17 ta' Ġunju 2019 fl-ammont ta' € 4,802.15 konsistenti fid-danni likwidati mill-Arbitru, imgħaxijiet, spejjeż u VAT, flimkien mal-ammont ta' € 333.08 fi spejjeż ġudizzjarji li nkorriet, li flimkien jammontaw għal ħamest elef mija ħamsa u tletin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€ 5,135.23),**

3. **tikkundanna lill-intimat iħallas din is-somma lill-kumpanija rikorrenti flimkien mal-imgħaxijiet legali u l-ispejjeż kif mitluba.**

**Jibqa' impreġudikat id-dritt tal-intimat li jeżerċita d-dritt ta' rivalsa fil-konfront tal-kjamata in kawża abbażi tal-kuntratt ta' separazzjoni tat-12 ta' Frar 2013.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur